VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,314, 23 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 336 tal-2014

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att XXIV tal-2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel dawn il-korrezzjonijiet.

Korrezzjonijiet fl-Att tal-2014 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw materji kriminal (Emenda Nru.2). Att XXIV tal-2014.

1. Fl-Att tal-2014 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw materji kriminali (Emenda Nru. 2) - l-Att XXIX tal-2014 - hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att li jemenda", għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2E) ġdid li ġie miżjud mal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), permezz tal-paragrafu (a) tal-artikolu 77 tal-Att li jemenda, għandha ssir korrezzjoni li biha l-kliem "meta tintemm l-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "meta tintemm il-kumpilazzjoni"; u l-kliem "mit-tmiem tal-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "mit-tmiem tal-kumpilazzjoni";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2A) ġdid li ġie miżjud mal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i (Kap. 101), permezz tal-paragrafu (a) tal-artikolu 88 tal-Att li jemenda, of the amending Act, the words "meta tintemm l-inkjesta" għandha ssir korrezzjoni li biha l-kliem "meta tintemm l-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "meta tintemm il-kumpilazzjoni"; u l-kliem "mit-tmiem tal-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "mit-tmiem tal-kumpilazzjoni"; u

(ċ) fil-paragrafu (ii) tal-proviso ġdid li ġie miżjud mas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2A) tal-artikolu 3 tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373), permezz tal-artikolu 98 tal-Att li jemenda għandha ssir korrezzjoni li biha l-kliem "meta tintemm l-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "meta tintemm il-kumpilazzjoni"; u l-kliem "mit-tmiem tal-inkjesta" għandhom jinqraw bħala "mit-tmiem tal-kumpilazzjoni".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-14 ta' Awwissu, 2014, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.